

**Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

11881/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0202 (NLE)**

**ECOFIN 1009
UEM 359
FIN 1068
ECB
*EIB***

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 374 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 374 final.

Mehmuż: COM(2026) 374 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2026
COM(2026) 374 final

2026/0202 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja**

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Estonja fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fid-29 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2023³, tat-13 ta' Novembru 2025⁴ u tal-10 ta' Marzu 2026⁵.
- (2) Fid-29 ta' Mejju 2026, l-Estonja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Estonja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Estonja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 14-il miżura.
- (4) L-Estonja spjegat li ġew emendati żewġ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-miżura 1.4 (Riforma tal-ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji) u l-miżura 6.1 (Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja). Abbażi ta' dan, l-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² ST 12532/21 INIT; ST 12532/21 ADD 1; ST 12532/21 ADD 1 COR 1; ST 12532/21 ADD 1 COR 1 REV 1.

³ ST 9367/23 INIT; ST 9367/23 ADD 1 REV 1.

⁴ ST 14442/25 INIT; ST 14442/25 ADD 1.

⁵ ST 6468/26 INIT; ST 6468/26 COR1; ST 6468/26 ADD 1.

Estonja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (5) L-Estonja spjegat li ġew emendati 12-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna 1.1 (Trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi), 1.3 (Żvilupp ta' servizzi ta' poloz tal-vjeġġ diġitali), 1.5 (Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin), 2.2 (Filiet ekoloġiċi għall-appoġġ tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi), 2.3 (Programm ta' żvilupp tat-teknoloġiji ekoloġiċi), 2.4 (Modernizzazzjoni tal-mudelli tan-negozju fil-kumpaniji tal-manifattura), 4.2 (Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini b'aktar minn appartament wieħed), 4.3 (Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir), 4.6 (Programm biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija fiż-żoni industrijali), 4.7 (Programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija), 5.3.a (Kostruzzjoni tal-vjadotti u tat-terminal Rail Baltic), 8.3 (Żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (6) Ġew identifikati tliet żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw tliet miżuri taħt tliet komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tikkoreġi dawn l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-18 ta' Ġunju 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Estonja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mad-deskrizzjoni tal-miżura 3.8 (Kostruzzjoni ta' networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna), id-deskrizzjoni tal-miżura 5.3.b (Rinnovazzjoni ta' sezzjoni tal-linja ferrovjarja minn Rapla għal Lelle) u d-deskrizzjoni tal-miżura 6.6 (Provvediment ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġħ). Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (7) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (8) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Estonja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (9) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (10) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Estonja huma ta' EUR 953 380 000. Billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni

finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Estonja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, u mal-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 alllokata għall-RRP emendat tal-Estonja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 953 184 800. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Estonja tibqa' l-istess.

- (11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jiġi sostitwit kompletament.
- (12) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġhoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tneħħix l-obbligu li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għall-Estonja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).